MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 21/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Avukat Dr Siegfried Borg Cole LL.D.**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' att ta' citazzjoni datata 15 ta' Marzu, 2000) kontra Dr. Siegfried Borg Cole talli f'dawn il-Gzejjer, fis-snin immedjatament precedenti c-citazzjoni, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda

(1) approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` ha flejjes li ammontaw ghal aktar minn Lm9,000

liema flejjes jappartjenu lil Ronald Gaglione u persuni ohra, u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm9,000 ghad-dannu ta’ Ronald Gaglione u persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Dr Siegfried Borg Cole mhux hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fit-13 ta’ Frar, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li ssib lill-appellat hati ta’ approprijazzjoni indebita aggravata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta’ Ottubru, 2003; ikkunsidrat:

Brevement il-fatti kienu s-segwenti: certu Ron Gaglione u Pippo Abela ghamlu konvenju fuq xiri u bejgh ta’ proprjeta` sitwata fl-Iklin. Peress li Abela kien f’xi diffikultajiet, id-depozitu li ghamel Gaglione flok ghaddieh lil Abela, hallieh f’idejn l-Avukat Borg Cole, kif ighid hu “as a precaution” (fol. 54). Nel frattemp, fuq struzzjonijiet ta’ l-istess Gaglione, l-appellat ghadda xi ammonti minn dan id-depozitu lill-imsemmi Abela. Meta, ghal ragunijiet li ma jinteressawx lil din il-Qorti, Gaglione iddecieda li ma jixtrix il-proprjeta` u talab lura l-flus li kien ghadu qed izomm ghandu l-appellat Borg Cole, dan ma tahomlux lura mill-ewwel. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (Dok. AM1, fol. 42) l-appellat jammetti li hu kien ghadu ma rritornax lura l-flus lil

Gaglione u dan ghax minhabba l-pressjoni ta' xoghol li kellu, inkluz safar barra minn Malta, kien ghandu ma sabx il-hin li jaghmel il-konteggi biex jara x'kien dovut minn Gaglione lilu bhala drittijiet professjonali u b'hekk jghaddi l-bilanc tas-somma lill-imsemmi Gaglione. Wara li kienet giet presentata c-citazzjoni, izda qabel ma bdew jinstemghu il-provi, Gaglione u l-appellat irrangaw il-kwistjoni ta' bejniethom billi saru l-konteggi u l-appellat ghadda dak li kien dovut lil Gaglione.

Anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn Gaglione u Borg Cole kienet wahda ta' natura purament civili. Sfortunatament jidher li saret pressjoni fuq il-Pulizija mill-avukat li in segwitu kien qed jidher ghal Gaglione biex l-istess Pulizija tipprocedi kriminalment kontra l-Avukat Borg Cole (ara d-deposizzjoni tal-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo, fol. 40). F'dan ir-rigward il-Pulizija kjarament agixxiet hazin. Din mhix l-ewwel darba li din il-Qorti kellha ticcensura lill-Pulizija meta din, flok ma tezamina l-kaz sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha – ghall-anqas *prima facie* – biex tipprocedi kriminalment, taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulizija u l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi ezercitata pressjoni fuq dak li jkun biex jezegwixxi xi obbligu civili meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux juru li verament hemm kaz ta' reat.

Gara li l-ewwel qorti lliberat lill-appellat ghal zewg ragunijiet: fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dik il-qorti qalet li lanqas kien hemm ombra ta' truffa jew frodi innominata[1], mentri fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dik il-qorti <u>jidher</u> li lliberat minhabba li kien hemm rinunzja tacita (minhabba transazzjoni bejn il-partijiet) tal-kwerela da parti ta' Gaglione wara li kienu diga nbdew il-proceduri. Jinghad "jidher" ghax, kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fl-appell tieghu u fit-trattazzjoni orali, l-ewwel fis-sentenza taghha

---

[1] "Illi ghal rigward tal-akkuzi taht l-Art. 308 tal-Kap. 9 din il-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni biex tiddikjara illi l-kaz l-anqas jibda biex jinkwadra taht l-akkuza tal-messa in scena illi fiha nnifisha tippresumi frodi sofistikata tali illi jonsbu fin fin lil vittma minn flusu. Illi l-fatti speci tal-kaz bl-ebda mod ma jinkwardaw dan it-tip ta' frodi sofistikat. Bl-istess mod l-anqas ma jirrizulta frodi semplici jew grossolana fil-fatti speci tal-kawza" – fol. 78 tal-atti.

argumentat f'certu dettal dwar ir-rinunzja tal-kwerela (u dan anke fid-dawl ta' sentenza precedenti moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta[2]) pero` imkien fis-sentenza ma qalet espressament li kienet qed tillibera minhabba l-estinzjoni ta' l-azzjoni. L-Avukat Generali, ghalhekk, ghandu ragun jappella fuq il-bazi tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, subartikolu li jipprovdi li:-

**Meta l-imputat jew il-kwerelat jigi illiberat ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-paragrafi *(b)* (iv)[3], (v) u (vi) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti fis-sentenza ghandha ssemmi bic-car din ir-raguni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullita` tkun taghti jedd ta' appell lill-Avukat Generali, u, fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 373, lill-kwerelant.**

Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li eccepixxa l-appellat fl-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2003, u cioe` li l-appell huwa null, l-appellant Avukat Generali ghandu f'dan il-kaz jedd ta' appell. Il-pregudizzjali sollevata mill-appellat qieghda tigi respinta.

Galadarba s-sentenza appellata hija nulla, din il-Qorti sejra tezamina mill-gdid il-provi u tiddeciedi l-kawza fil-meritu.

Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li certament dan mhux kaz ta' truffu jew frodi innominata – anqas remotament ma hemm l-icken prova li tista', b'xi mod u bit-tigbid kollu, twassal ghal xi htija taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Kwantu ghall-approprijazzjoni indebita aggravata – Artikoli 293 u 294 – din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li, galadarba hemm ic-cirkostanza aggravanti kontemplata fl-Artikolu 294, u cioe` li l-flus kienu gew fdati lill-appellat minhabba l-professjoni tieghu, ir-rinunzja tal-kwerela, anke jekk fil-forma tacita sancita fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Alfred Debono*** (*vide infra*), ma twassalx ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni. Mill-banda l-ohra,

[2] ***Il-Pulizija v. Alfred Debono*** App. Krim. 25 ta' Gunju, 1993.

[3] Fost il-kazijiet imsemmijin fis-subparagrafu (iv) hemm dak meta l-imputat jew il-kwerelat jigi illiberat minhabba estinzjoni ta' l-azzjoni.

din il-Qorti ma taqbilx ma' l-Avukat Generali in kwantu qed jippretendi li l-provi jistghu jwasslu ghall-htija fir-rigward ta' l-approprjazzjoni indebita, aggravata jew mhix. Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[4], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit. supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione**

[4] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

**del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.[5]**

Fil-pessima ipotesi kullma jista' jinghda fil-konfront ta' l-appellant hu li hu ttraskura, minhabba xoghol iehor li kellu, li jaghti l-attenzjoni dovuta lit-talba ta' Gaglione biex isiru l-konteggi kemm jista' jkun malajr halli li dan jghaddilu l-flus li kienu tieghu. Fin-nuqqas ta' l-element formali tar-reat, lo-aktar li seta' kien passibbli l-appellat kien ghal proceduri civili, izda certament ma kien hemm qatt lok ta' dawn il-proceduri penali.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.